MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2016

Rikors Maħluf Numru: 353/15 LM

**Sandro Falzon (Karta tal-Identità Nru 327379(M))**

**vs.**

**Ebenezer Attard (Karta tal-Identità Nru. 225782(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Sandro Falzon** (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "l-attur") ippreżentat fis-17 ta' April, 2015, li jaqra hekk:

1. *Illi fl-2011 sar kuntratt ta' permuta bejn Sandro Falzon u Ebenezer Attard fejn tal-ewwel ikkonsenja lit-tieni vettura tal-għamla Honda S2000 filwaqt li l-intimat in kontrakkambju kkonsenja lir-rikorrent vettura tal-għamla BMW M Sports Hatchback. Il-prezz tas-suq taż-żewġ vetturi kien dak ta' €17,400;*

2. *Illi madwar xahrejn wara dan l-imsemmi trasferiment, ir-rikorrent biegħ lil ċertu Karl Buhagiar l-imsemmija BMW li kien akkwista mingħand Ebenezer Attard għall-prezz ta' €17,400;*

3. *Illi ftit żmien wara rriżultaw xi ħsarat fl-istess vettura u Karl Buhagiar istitwixxa proċeduri legali fil-konfront tar-rikorrenti għar-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni minħabba allegati difetti latenti;*

4. *Illi fil-fatt irriżulta li l-vettura BMW M Sports Hatchback kellha mileage differenti minn dak indikat u li kien mileage li Ebenezer Attard kien indika lir-rikorrenti fuq skorta ta' service report maħruġ minn Muscat Motors u li kellha diversi parts li ma kinux dawk oriġinali tal-istess vettura;*

5. *Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Karl Buhagiar vs. Sandro Falzon tal-15 ta' Jannar, 2015 (Rik. Ġur. Nru. 945/2011 JPG) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lir-rikorrent iħallas lil Karl Buhagiar is-somma ta' €18,197.54 oltre l-ispejjeż tal-istess kawża kif ukoll ordnat ir-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni;*

6. *Illi effettivament ġie dikjarat li l-vettura BMW M Sport Hatchback kienet bla valur u għalhekk effettivament l-intimat irriżulta li ma kien ħallas l-ebda prezz jew konsiderazzjoni għall-akkwist da parti tiegħu tal-vettura Honda S2000;*

7. *Illi r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex iħallsu s-somma ta' sbatax-il elf u erbgħa mitt Euro (€17,400) bħala prezz tal-vettura Honda S2000 li kienet ġiet trasferita lilu fl-2011 flimkien mal-imgħax mid-data tal-istess trasferiment kif ukoll is-somma ta' sebgħa mija u sebgħa u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€797.54) kif ukoll l-ispejjeż li ġie kkundannat iħallas lir-rikorrenti bis-saħħa tas-sentenza hawn qabel ċitata, u dan permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015;*

8. *Illi l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Ebenezer Attard** (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-konvenut") ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2015 li permezz tagħha wieġeb li:

1. *Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Qabel ma jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet il-Qorti trid tara x'qed jintalab mill-attur għax huma t-talbiet li jiddeterminaw in-natura tal-azzjoni u konsegwentment il-validità tal-eċċezzjonijiet imressqa.*

3. *Issa fil-każ in eżami l-attur qed jitlob li jiġi dikjarat li l-konvenut qatt ma ħallas il-prezz għal Honda S2000 li ġiet trasferita lilu fil-2011 mill-attur meta sar it-tpartit mal-BMW tal-konvenut.*

4. *Illi effettivament il-bażi tal-allegazzjoni tal-attur li l-konvenut ma ħallasx flus meta sar it-tpartit ġejja mill-fatt li f'kawża oħra l-attur ġie kkundannat li jirrifondi lil Karl Buhagiar is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Euro (€17,400) rappreżentanti l-prezz tal-istess BMW li huwa kien*

*biegħ lil Buhagiar u li skont is-sentenza tal-15 ta' Jannar, 2015 ġie dikjarat li kien fiha difetti latenti.*

*5. Illi huwa abbażi ta' dina d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-attur odjern issa qed jaġixxi kontra l-konvenut u qed jallega li ma sarx pagament. Illi effettivament kien sar tpartit bejn il-partijiet ta' Honda ma' BMW u l-prezz tat-tpartit kien il-valur taż-żewġ karozzi. L-attur għalhekk ma jistax jgħid li ma kinux għaddew flus meta sar it-tpartit. L-allegazzjoni tiegħu hija biss bażata fuq l-allegat difett latenti fil-BMW.*

*6. Illi għalhekk il-bażi tal-azzjoni attriċi hija l-allegazzjoni li l-vettura BMW kien fiha difetti latenti kif sabet il-Qorti fis-sentenza fuq riferita. Għalhekk f'dana l-każ tapplika l-preskrizzjoni għal każi ta' bejgħ ta' oġġetti mobbli illi huma difettużi. Issa fil-każ in eżami l-Qorti sabet li l-attur odjern kien jaf, meta biegħ il-BMW lil Buhagiar, li dina kienet difettuża. L-attur odjern ma appellax minn din is-sentenza għalhekk hu qed jaċċetta li kien jaf li l-BMW kienet difettuża meta biegħha lil Buhagiar. Illi l-bejgħ sar fil-2011 għalhekk it-terminu ta' sitt xhur jibda għaddej minn dakinhar u mhux minn meta l-attur kixef id-difett, billi hemm dikjarazzjoni tal-Qorti illi huwa kien jaf fil-2011 li l-BMW kienet difettuża.*

*7. Għalhekk l-azzjoni attriċi kienet preskritta.*

*8. Illi fis-27 ta' Lulju 2010 l-esponent kien xtara mingħand dealership tal-karozzi, PC Motors BMW 120D M Sport Hatchack bin-numru ta' reġistrazzjoni IBI 230 għall-prezz ta' tmintax-il elf u disa' mitt Euro (€18,900).*

*9. Illi l-mileage dikjarat fuq l-invoice mogħti lill-esponent minn PC Motors kien dak ta' tmienja u ħamsin elf (58,000) invoice anness u mmarkat bħala Dok. EB1.*

*10. Rappreżentant ta' PC Motors kien anki għamel VRT test fuq l-imsemmija vettura qabel ma ttrasferixxa l-imsemmija vettura lill-esponent fejn kollox irriżulta illi kien tajjeb.*

*11. Illi wara illi rriżulta illi kollox kien kif suppost l-esponent xtara l-imsemmija vettura għall-prezz hawn fuq imsemmi.*

*12. Illi l-esponent minn dejjem xtaq jakkwista Honda S2000 peress illi hija karozza sportiva rinomata u fl-2011 ġietu l-opportunità illi jpartat il-BMW 120D M Sport Hatchback għall-Honda S2000 mar-rikorrent Sandro Falzon u dan wara illi ra riklam fuq sit partikolari (Malta Park).*

*13. Illi kemm l-esponent u kif ukoll ir-rikorrent qabel ma partu l-imsemmija vetturi għamlu test drives u kienu kuntenti bl-imsemmija vetturi u għalhekk sar it-tpartit tal-karozzi mertu tal-kawża.*

*14. Illi meta sar it-tpartit il-karozzi nbiegħu tale quale bħala second hand.*

*15. Illi meta l-esponent xtara l-BMW mingħand PC Motors qatt ma kien konxju li kien hemm difetti latenti u gravi fil-BMW għax kieku ma kienx se jixtrieha għall-prezz li huwa xtraha u kieku nduna li kien fiha difetti kien iħassar il-bejgħ. Iżda huwa uża l-karozza għal xi sena u qatt ma tagħtu problemi.*

*16. Illi l-esponent ma kienx issejjaħ bħala parti fil-kawża 945/2011/JPG u għalhekk is-sentenza ma tagħmilx stat fil-konfront tiegħu.*

*17. Illi l-esponent mhux xi car dealer li jinnegozja fil-karozzi (dan ġie ikkonfermat fil-kawża msemmija mill-esponent stess – a fol. 194) u mhux midħla ta' kif jitbagħbas il-mileage fil-vetturi jekk kien hemm każ ta' tbagħbis fil-mileage.*

Semgħet id-depożizzjonijiet rispettivi tal-attur u tal-konvenut.

Rat l-atti tal-kawża, inkluża l-kopja tas-sentenza ċċitata fir-Rikors Maħluf.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kawża fil-qosor huma li kien sar tpartit ta' żewġ vetturi bejn il-partijiet li permezz tiegħu il-konvenut partat u biegħ lill-attur vettura tal-għamla BMW M Sports Hatchback li da parti tiegħu biegħha lil ċertu Karl Buhagiar. Karl Buhagiar fetah kawża kontra l-attur odjern Sandro Falzon minħabba difetti latenti fl-istess vettura. B'sentenza ta' din il-Qorti

diversament preseduta (Ċitazzjoni Numru 945/2011 JPG) mogħtija fil-15 ta' Jannar, 2015 l-imsemmi bejgħ ġie rexiss. Fis-sentenza tagħha, l-Qorti ddikjarat li Sandro Falzon kien jaf bid-difetti moħbija meta biegħ il-vettura lil Buhagiar. Wara s-sentenza li ma ġietx appellata, Sandro Falzon fetaħ din il-kawża kontra Ebenzer Attard.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Kodiċi Ċivili, fil-parti fejn jittratta l-istitut tat-tpartit, wara li jelenka għadd ta' regoli li għandhom jirregolawh, itemm jgħid li "Ir-regoli l-oħra kollha dwar il-kuntratt ta' bejgħ, jgħoddu wkoll għall-kuntratt ta' tpartit" (l-Artikolu 1493). F'għadd ta' sentenzi[1] ingħad li t-terminu dekadenzjali għall-azzjoni għall-garanzija minħabba evizzjoni li jinstab fl-istitut tal-bejgħ (l-Artikolu 1423) jestendi għall-kuntratt tat-tpartit. Din il-Qorti ma tarax li hemm raġuni l-għala m'għandux ikun hemm l-istess applikazzjoni tan-normi tal-bejgħ għall-istitut tat-tpartit fil-każ ta' difett moħbi (l-Artikolu 1431).

Illi l-ġurisprudenza Maltija tikkunsidra li f'każ ta' evizzjoni jew difett moħbi, l-uniċi azzjonijiet li jistgħu isiru mix-xerrej huma dawk ikkontemplati fl-istess istitut tal-bejgħ, u ma jistgħux isiru azzjonijiet oħrajn. Fi kliem l-imħallef Philip Sciberras, sedenti f'din il-Qorti[2]:

"Hu paċifiku illi l-inadegwatezza jew id-difformità tal-ħaġa għal funzjoni tipika intiża

[1] **Carlo Micallef vs. Spiridione Imbroll** – 20.01.1922 – Qorti tal-Appell – Kollez. Vol. XXV.i.29; **Gio Maria Cauchi vs. Luigi Grima** – 16.03.1925 – Qorti tal-Appell – Kollez. Vol. XXVI.i.71.
[2] **Joseph Aquilina vs. Globe Electronics Limited** –10.10.2007 – Prim'Awla.

tilleġittima l-eżerċizzju tat-tutela li l-istitut tal-bejgħ taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna jindikaha f'termini ta' garanzija għall-vizzju redibitorju jew dik tal-mankanza tal-kwalità. Hekk ir-rimedji spettanti lix-xerrej huma tradizzjonalment dawk tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni tal-ftehim (fil-każ ta' mankanza tal-kwalità fil-mument tal-kunsinna; fil-każ ta' difett moħbi fl-oġġett wara r-reċezzjoni tiegħu) jew tar-riduzzjoni fil-prezz. Dan kemm fil-każ ta' nuqqas fil-kwalità tal-ħaġa jew mhux skont il-kampjun, kif ukoll bl-azzjoni estimatorja fil-każ ta' vizzju latenti. Kif senjalat, ir-rimedju wieħed ma jistax jiġi konfuż mal-ieħor u lanqas ma jistgħu jiġu eskoġitati rimedji oħra li l-liġi ma tipprevalix kontra l-inadempjenza kontrattwali tal-venditur. Ara **John Mary Dalli *nomine* vs. Grezzju Patiniott**, Appell, 19 ta' Mejju, 2000;

Dan kollu qed jiġi sottomess għaliex mill-korp tat-talbiet l-attur *nomine* ma jidherx li għażel wieħed mir-rimedji aċċennati iżda minflok u b'mod awtonomu talab id-danni riżarċitorji, ankorke hu stess, kif ġja espost, jarġina l-azzjoni tiegħu fuq il-presuppost tad-difformità tal-oġġett. Din il-Qorti ma tistax ma tisqarrx, in parentesi, illi, skont il-fehma tagħha, l-inseriment tat-tutela lix-xerrej għall-vizzji jew mankanza tal-kwalità fit-tema ġenerali tar-responsabilità kontrattwali ma għandux jeżawrixxi ruħu fit-termini ta' impostazzjoni dommatika illi teskludi l-azzjoni għad-danni skont il-prinċipju ġenerali tad-dritt in tema ta' obbligazzjonijiet, ex-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Civili. Forsi wasal iż-żmien illi wieħed jissupera l-formula tal-Kodiċi tagħna li jillimita d-dannu a kariku tal-venditur ta' mala fede [Artikolu 1429 (1)] u jallarga l-area tar-rimedji billi l-leġislatur jintroduċi bħala rimedju distint id-disposizzjoni normattiva tal-Kodiċi Ċivili Taljan (Artikolu 1494 tiegħu) li jimponi fuq il-venditur ir-riżarċiment tad-danni. Dan anke permezz ta' azzjoni awtonoma. Jingħad mit-trattista **C. Massimo Bianca** ("**La Vendita e la Permuta**", Vol. VII, Ed. 1972, paġna 867) "*ora secondo la regola comune si ammette che il creditore possa limitarsi a chiedere il risarcimento del danno causato dall'inadempimento. Deve quindi coerentemente ammettersi che di fronte all'inesatto adempimento della prestazione traslativa imputabile al venditore, il compratore possa far valere la sua pretesa risarcitoria anche senza esercitare i distinti rimedi della risoluzione del contratto o della riduzione del prezzo. Una diversa soluzione che negasse al compratore la possibilità di chiedere il solo risarcimento del danno, presupporrebbe l'idea della 'garanzia' come una regola speciale ed esclusiva, tale da sottrarre la vendita al comune regime contrattuale.*" Mill-indirizz ġurisprudenzjali tal-Qrati taghna ma jidherx li dan hu possibbli in kwantu għadhom jiġu segwiti b'mod esklussiv il-forom tradizzjonali persistenti tas-soluzzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1390 u 1424 tal-Kodiċi Ċivili. Ara "**Joseph Vassallo *et* vs. Antonio Borg**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000."

Illi jekk hemm limitazzjoni dwar ix-xorta ta' azzjoni li xerrej jista' jiftaħ, hekk

ukoll min ipartat għandu jkollu l-istess limitazzjoni. Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tal-attur sostna li din il-kawża mhix waħda dwar difett moħbi, imma azzjoni għar-rifużjoni tal-prezz billi l-ħaġa li huwa rċeva bi tpartit kienet mingħajr valur. Jekk inhu hekk il-każ, allura l-azzjoni tiegħu mhix proponibbli.

Illi l-abbli avukat difensur tal-konvenut li qiegħed isostni li isejjħilha x'isejjħilha l-kawża li qiegħed jagħmel, l-attur qiegħed fil-fatt jagħmel kawża dwar difett moħbi, u li l-Qorti trid tqis il-kawża bħala dak li tabilħaqq hi.

M'hemmx dubju li illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri.[3] "Huwa prinċipju ġenerali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri. Il-'kawża' ta' domanda hija r-raġuni ġuridika tagħha, ossia l-*fundamentum agendi* tagħha. Din il-kawża, li hija l-oriġini tad-domanda, tiddistingwi ruħha mill-oġġett taċ-ċitazzjoni, li huwa *ciò che è attualmente domandato*"[4].

Illi l-azzjoni tal-attur għandha l-ingredjenti kollha ta' azzjoni redibitorja. Ir-raġuni ġuridika li jġib l-attur huwa proprju d-difett moħbi; u abbażi tiegħu qiegħed jitlob il-ħlas tal-prezz li qiegħed jallega li effettivament ma sarx, l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mat-tpartit, kif ukoll id-danni konsistenti fl-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża li fetaħlu Karl Buhagiar. Dan kollu jinkwadra ruħu

[3] App. Civ.: 7.3.1958 fil-kawza fl-ismijiet **J. Tabone vs. J. DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87).

[4] **Godwin Azzopardi vs. Paul Azzopardi**, 31 ta' Jannar, 2003.

tajjeb fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1427 u 1430(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi ġaladarba l-Qorti, fis-sentenza **Karl Buhagiar vs. Sandro Falzon** suċċita, stqarret li fil-konfront ta' Sandro Falzon "għandha l-konvinċiment morali li kien jaf bid-difetti okkulti" tant li kundannatu wkoll għad-danni a tenur tal-Artikolu 1429(1) tal-Kap. 16, ċjoè danni li l-bejjiegħ ikun responsabbli għalihom biss jekk ikun jaf bid-difett moħbi, l-attur ma jistax jistrieħ fuq din is-sentenza biex jasserixxi li d-difett moħbi ġie mikxuf permezz tal-pronunzjament tagħha u li allura l-perijodu dekadenzjali ta' sitt xhur beda jimxi mid-data ta' meta ġiet ippronunzjata l-imsemmija sentenza, iġifieri l-15 ta' Jannar, 2015. Dan għas-sempliċi raġuni li skont l-istess sentenza li qiegħed jistrieħ fuqha l-attur, huwa kien diġà jaf bid-difett moħbi meta huwa biegħ il-vettura fis-27 ta' Mejju, 2011 lil Buhagiar.

**<u>Deċide</u>**

**Għar-raġunijiet suesposti, din l-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiddikjara l-azzjoni tal-attur preskritta ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali responsiva tad-9 ta' Frar, 2015 a kariku tal-attur.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------